**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000034/2022**
**lill-Kummissjoni**
Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura
**Herbert Dorfmann**, **Norbert Lins**, **Colm Markey**
f'isem il-Grupp PPE

Suġġett: Il-ħtieġa urġenti għal strateġija tal-UE dwar il-fertilizzanti biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel fl-Ewropa

L-agrikoltura Ewropea qed tiffaċċja kriżi imminenti. Din is-sena d-disponibbiltà limitata ta' fertilizzanti wasslet għat-tnaqqis tar-riżervi residwi tal-fertilizzanti fil-ħamrija, u dan joħloq theddida serja għall-produzzjoni Ewropea tal-ikel. Fl-interess tal-protezzjoni tas-sigurtà tal-ikel fil-kontinent, hemm ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet attwali ta' fertilizzanti fuq terminu qasir u li tinbeda t-tranżizzjoni tal-agrikoltura Ewropea lil hinn mid-dipendenza tagħha fuq fertilizzanti sintetiċi fuq terminu medju sa twil. Din it-tranżizzjoni se tieħu ż-żmien u se teħtieġ strateġija komprensiva u vvalutata tar-riskju.

Fuq terminu qasir, irridu niżguraw provvista adegwata ta' fertilizzanti għall-bdiewa tagħna. Hemm għadd ta' għażliet disponibbli, bħall-akkwist ta' prodotti barra mill-UE jew l-importazzjoni ta' materja prima meħtieġa għall-produzzjoni tal-fertilizzanti, it-tneħħija ta' miżuri anti-dumping, u l-appoġġ finanzjarju għat-tranżizzjoni lejn metodi naturali bħall-użu tax-xnien u soluzzjonijiet oħra li jassimilaw in-nitroġenu.

Il-Kummissjoni jeħtiġilha taġixxi issa biex tindirizza l-ispejjeż mhux sostenibbli tal-produzzjoni li jiffaċċjaw il-bdiewa. It-tbassir ekonomiku jindika li din il-kwistjoni se taggrava matul ix-xhur li ġejjin, b'aktar żidiet fl-ispejjeż għall-bdiewa waqt inflazzjoni għolja. Il-prezzijiet għolja attwali tal-ikel esperjenzati huma dovuti mhux bi ftit għall-impatt tal-ispejjeż għoljin tal-fertilizzanti. Sabiex jiġu evitati aktar pressjonijiet inflazzjonarji, hija meħtieġa minnufih strateġija ċara biex tingħata fiduċja u sigurtà lis-suq.

1. Il-Kummissjoni se tabbozza strateġija dwar l-indirizzar tan-nuqqas ta' fertilizzanti fl-UE?

2. Il-Kummissjoni biħsiebha tneħħi d-dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-fertilizzanti?

3. Il-Kummissjoni tista' tipprovdi ċarezza dwar jekk huwiex aktar kosteffettiv li jiġu importati fertilizzanti minn pajjiżi terzi jew li jiġi importat il-gass minn pajjiżi terzi għall-produzzjoni ta' fertilizzanti fl-Ewropa?

Imressqa: 23.9.2022

Skadenza: 24.12.2022